**Qorti Civili – Prim Awla**

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru: 1764/21/1JVC**

**Raymond D'Anastas**

**vs**

**Kummissarju tal-Pulizija et**

**Wara r-rikors ta' Raymond D'Anastas ipprezentat fid-29 ta' Novembru, 2021, ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Ministru tal-Intern u Sigurta Nazzjonali datata 2 ta' Dicembru, 2021 u tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku datata wkoll it-2 ta' Dicembru, 2021;**

**Illum 6 ta' Dicembru 2021;**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent fejn ghar-ragunijiet msemmija fl-istess talab li din il-Qorti tinibixxi lill-initimati milli:

'Jibdew, jkomplu jew jissoktaw bil-process tal-hatra ghall-ghazla ta' Assistenti Kummissarju fil-Korp tal-Pulizija kif indikata fic-cirkolari numru HR/POL/7/2021 tal-Korp tal-Pulizija u dan peress illi huwa prezentament jokkupa il-kariga ta' Supretendent fil-Korp tal-Pulizija u bhalissa jinsab bil'-leave' qabel jirtira definittivament mil-Korp tal-Pulizija, propjament fit-12 ta' Jannar, 2022.'

Rat ir-risposta tal-intimati li ghar-ragunijiet ndikati fl-istess talbu li din il-Qorti tichad it-talba;

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent innifsu, ta' Massimo Alakkad, Neville Mercieca u tal-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa';

Rat li l-bazi tat-talba tar-rikorrent hija process precedenti ghall-istess posizzjoni, li permezz ta' decizjoni li nghatat aktar kmieni din is-sena mill-Ombudsman gie dikjarat vvizzjat, filwaqt li l-Ombudsman ghamel ir-rakomandazzjonijiet tieghu kif il-pregudizzju soffert mir-rikorrenti kellu jigi rimedjat fosthom li ssir sejha ohra permezz ta' process gust u provda wkoll ghal kumpens finanzjarju.

Ir-rikorrent isostni li sakemm harget l-applikazzjoni ghall-posizzjoni odjerna huwa lahaq hareg bil-'leave' bl-ghan li f'Jannar 2022 jirtira mill-Korp tal-Pulizija. Jsostni fi ftit kliem li l-fatt li huwa lahaq qieghed bil-'leave' jaghmlu ineligibbli ghall-posizzjoni ghalkemm huwa gie nfurmat mill-Korp sabiex japplika, wkoll jaghmel referenza ghall-fatt li f'din is-sejha partikolari saret emfasi fuq l-esperjenza fil-'financial crime' li fil-Korp insostni li hemm biss ftit persuni li ghandhom w'ghalhekk huwa car min ser jigi nominat. Jinsisti ghalhekk li s-sejha mihiex il-process gust indikat mill-Ombudsman u jitlob li din il-Qorti twaqqaf in-nomina tal-Assistent Kummissarju gdid intiza permezz ta' din is-sejha.

Illi da parti tieghu l-Kummissarju tal-Pulizija ntimat kkonferma lil din il-Qorti fix-xhieda tieghu li hemm l-intenzjoni li jinhatar appuntu l-Assistent Kummissarju u emfasizza fuq il-bzonn ingenti li dan isir in vista tas-sitwazzjoni li tinsab fiha Malta konsegwenza tal-'grey-listing', filwaqt li l-Korp huwa sprovvist minn Assistent Kummisarju inkarigat mill-'financial crime' b'emfazi partikolari fuq il-hasil tal-flus.

Semghet it-trattazzjoni esentiva tal-Avukati tal-Partijiet;

Rat li l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku sostniet li mihiex il-legittimu kontradittur stante li tinsisti li hija biss l-ghodda li permezz taghha jsir gharbiel tal-applikazzjonijiet u konsegwentement issir in-nomina tal-persuna maghzula mill-entita' koncernata;

Il-Qorti rat appuntu fl-atti li huwa l-Kummissarju tal-Pulizija li kkonferma li behsiebu li jmexxi bin-nomina tal-Assistent Kummissarju u mhux il-Kummissjoni proprio w'ghalhekk tqis li din l-eccezzjoni hija gustifikata. Tillibera ghalhekk lill-Kummissjoni mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi mix-xhieda li tressqet quddiem din il-Qorti rrizulta *prima facie* lil din il-Qorti li r-rikorrenti verament ghandu jeddijiet x'jikkawtela fil-konfront tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ministru ntimat. Izda rrizulta wkoll car lil din il-Qorti, almenu sal-grad tal-*prima facie,* li l-allegat pregudizzju li jista jsofri r-rikorrent, fl-istadju li issa jinsab fih fil-karriera tieghu, huwa pregudizzju li jista jigi rimedjat b'mod pekunjarju ghaliex anki jekk permezz ta' decizjoni tal-Qrati, possibilment tigi ordnata n-nomina tieghu bhala Assistent Kummissarju, din

tapplika b'lura u tista' tinghata valur monetarju filwaqt li r-rikorrent ikun gia rtirat.  Fuq domanda ta' din l-istess Qorti hareg car li dak li qed jiprova jikkkawtela r-rikorrent permezz ta' dan il-mandat huwa appuntu r-rimedju pekunjarju u mhux neccessarjament li huwa jigi reintegrat fil-Korp fil-kariga effettiva ta' Assistent Kummissarju;

Illi minn naha l-ohra rrizulta wkoll car lil din il-Qorti li l-bzonn li kemm jista' jkun malajr jigi nominat Assistent Kummissarju kif indikat fis-sejha koncernata huwa wiehed urgenti anki fl-interess tal-pajjiz in generali.

Illi l-Qorti ghalhekk tqis li filwaqt li r-rikorrenti ghandu mezzi ohra kif jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu, li kieku din il-Qorti kellha tikkonferma l-ordni taghha sabiex jieqaf il-process tal-hatra ta' Assistent Kummissarju, l-pregudizzju li jsofri l-Korp u wkoll il-pajjiz in generali huwa wisq kbir w'ghalhekk meta wiehed iwiezen il-pregudizzju rispettiv tal-partijiet, il-konferma ta' dan il-mandat mihiex legalment gustifikata.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti tirrevoka d-digriet provizorju taghha u tghaddi sabiex tichad il-mandat odjern.

Bl-ispejjez fic-cirkustamzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef Dr Joanne Vella Cuschieri**
**Imhallef**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**